MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 395/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Carmelo ZARB [ID. No. 649156M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-29 ta' Mejju, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tlett mija u tmintax-il euro u tmienja u sittin centezmu ta' euro [€318.68] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mitt euro disgha u tletin centezmu [€318.68], skont l-anness prospett markat Dok A u kopja tal-kuntratt markat Dok B, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 21375749 kont numru A/C 40004161, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-ahhar pagament u cioe mill-15 ta' Settembru, 2009 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fis-27 ta' Awwissu, 2012, ma kkontestax it-talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Settembru, 2012 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra li fit-talba hemm divergenza bejn l-ammont bil-kliem u l-ammont bil-figuri u cioe "*Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' <u>hames mitt euro disgha u tletin centezmu (€318.68)</u>, skont l-anness prospett markat Dok A*".

Ra li l-prospett markat Dok. A jindika c-cifra ta' tlett mija u tmintax-il euro u tmienja u sittin centezmu ta' euro (€318.68) bhala l-ammont dovut (fol. 4) u ghalhekk t-Tribunal sejjer jimxi fuq dan l-ahhar ammont u mhux fuq l-ammont miktub bi kliem l-ghaliex jirrizultalu li hemm zball.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mija u tmintax-il euro u tmienja u sittin centezmu ta' euro [€318.68], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------